MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Jannar, 2015

Numru. 4/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**DAVE DELIA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **DAVE DELIA,** detentur tal-karta tal-Identita' Numru 420994M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli

1. Fil-31 ta' Dicembru 2014 ghall-habta ta' bejn 21:30hrs gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Fairplay li jinsab gewwa Triq is-Santwarju Zabbar flimkien ma' persuna ohra ikkommetta serq ta' flus liema serq huwa aggravat, bil-vjolenza, bil-mezz, bl- ammont li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€2,329.40 - Lm1,000) u bil-hin u dan ghad-detriment tad-diretturi ta' l-imsemmija kumpanija u/jew persuna/i ohra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Theresa Galea kontra l-volonta' taghha;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, fil-hin li kien qed jaghmel id-delitt kontra is-sigurta' tal-gvern jew kontra persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew delitt ta' serq jew ta' hsara lil propjeta' (barra minn hsara involontarja lil propjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, jew imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari:

4. U aktar talli fl-1 ta' Jannar 2015 u fil-granet ta' qabel gewwa dawk il-Gzejjer saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBP251 tal-ghamla Peugeot 106 meta ma kellux fil-pussess tieghu licenzja tas-sewqan b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghall-terzi persuni.

5. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Carol Peralta LLD datata 15 ta' Jannar 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel

6. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi sar ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, okkorrenza, stqarrija u rcevuta tal-affarijiet elevati u imitazzjoni ta' pistola.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta’ Jannar 2015 u dana fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Alessandro Lia nnominat bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni b’eccezzjoni ghall-akkuza ta’ recidiva li ma tirrizultax lill-Qorti.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn (2) ta’ Jannar 2015.

Semghet lid-difiza u lill-Prosekuzzjoni jitolbu sabiex l-akkuza numru hamsa tigi trattata quddiem din il-Qorti sabiex tinghata sentenza wahda.

Il-Qorit qieset ic-cirkorstanzi partikoli tal-kaz u cioe’ li l-imputat rega’ deher il-Qorti sena biss wara li huwa kien inghata probation f’kawza li giet deciza fil-15 ta’ Jannar 2014.

Rat ukoll illi l-imputat fil-fatt inghata probation ohra fis-sena 2012 u li ma sfruttax din l-opportunita’ moghtija lilu sabiex jirriforma.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli 49, 50, 63, 65, 86, 261(a)(b)(c) u (d), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9, Artikolu 3 tal-Kapitolu 104, Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ssib lill-**

**imputat DAVE DELIA hati tal-akkuzi kollha addebitati fil-konfront tieghu, salv u b'eccezzjoni ghall-akkuza tar-recidiva u tikkundannah sentejn u nofs priguneriija effettivi.**

**Il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) li ghandhom jithallsu f'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ghaxar ewro (€110) ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll il-konfiska tal-imitizjoni tal-arma esebita mill-Prosekuzzjoni favur il-Gvern ta' Malta u tordna d-distruzzjoni taghha.**

**Inoltre, tordna skwalifika tal-licenzji tas-sewqan tal-imputat ghall-perjodu sentejn mil-lum ai termini tal-Artikolu 30(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna li din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Qrati Kriminali sabiex iwettaq id-distruzzjoni ta' tali arma konfiskata u sabiex jigbor il-multa inflitta.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu provediment fil-konfront tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas xi spejjez in konnessjoni ma' xi hatra ta' esperti peress li ma jirrizultaliex li gew nominati xi esperti f'din il-kawza.**

**Inoltre, qieghda tipprovdi ghas-sigurta' ta' Theresa Galea billi tobbliga lill-imputat, taht penali ta' hames mitt ewro (€500) li ma jimmolestax u ma jingurjax lil din l-istess persuna ghal perjodu ta' sena mil-lum.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------